**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 192/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ahmad Yassine**

Illum it-8 ta' Jannar 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Ahmad Yassine, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 16152A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-24 ta' Novembru, 2016, ghall-habta tal-17:30 PM, fi Triq San Luqa u kif ukoll fil-binja tal-agenzija Appogg, Pieta:

1. Gab ruhu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li ser jaghti fastidju lil Manar Yassine;
2. Ikkaguna biza' li ser juza vjolenza kontra Manar Yassine jew kontra l-proprjeta' taghha, jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti tal-imsemmija persuna, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222 (1).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' April, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imsemmi mputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal tlett xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin taht supervizjoni *ai termini* tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll ghamlet ordni ta' trattament mal-agenzija Appogg *ai termini* tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ahmad Yassine, pprezentat fid-19 ta' April, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata, thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament, f'kaz li l-Qorti xorta wahda ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena billi tirrevoka l-piena nflitta u minflok tinfliggi piena anqas u alternattiva.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Ahmad Yassine, huma s-segwenti w *cioe'*:-

A. Bil-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, l-imputat appellant ma seta' qatt jinstab hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti u dan *stante* li t-tnejn li huma ma rrizultawx mill-provi, u dan kif se jigi spjegat aktar 'l isfel;
B. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea sussidjarja, kemm–il darba din l-Onorabbli Qorti taghzel li tikkonferma l-htija, l-piena nflitta hija f'kull kaz wahda eccessiva ferm.
C. Bil-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, l-imputat appellant ma seta' qatt jinstab hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti u dan *stante* li t-tnejn li huma ma rrizultawx mill-provi, u dan kif se jigi spjegat aktar 'l isfel.

<u>L-imputazzjonijiet</u>

F'dan l-appell, l-esponenti appellant sejjer jitratta l-ewwel zewg imputazzjonijiet flimkien biex imbaghad jittratta t-tielet imputazzjoni billi huwa umilment iqisha konsegwenzjali ghall-argumenti maghmula dwar l-ewwel tnejn.

L-ewwel zewg imputazzjonijiet kontra l-imputat hawn appellant kienet ibbazata fuq dak li jghid l-Artikolu 251A(1)(b) u l-Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputazzjonijiet huma cari, fis-sens illi dak li gie migjub iwiegeb ghaliha Ahmed Yassine huwa ghall-allegat incident illi sehh fl-24 ta' Novembru, 2016, fil-17:30 PM, f'data wahda u hin wiehed – it-tnejn specifici hafna. Manar Yassine stess xehdet fuq dan l-allegat incident partikolari u korrettement indikat id-data

u l-hin tal-24 ta' Novembru, 2016, fil-17:30 PM, bhala d-data u l-hin tal-allegat incident partikolari u korrettement indikat id-data u l-hin tal-24 ta' Novembru, 2016, fil-17:30 PM bhala d-data u l-hin tal-allegat incident li wassal ghall-imputazzjonijiet odjerni. B'rizultat tar-rapport imressaq minn Manar Yassine, l-imputat gie akkuzat illi proprju f'dik id-data u hin partikolari, huwa kien (i) ta fastidju fil-konfront ta' Manar Yassine; u (ii) kkagunalha l-biza kontemplata fl-Artikolu 251B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Imbaghad, b'rabta mal-ewwel zewg akkuzi, zdiedet dakinhar tas-seduta, akkuza dwar (iii) ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni, datata l-25 ta' Frar, 2016.

Dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet, jinghad illi huwa maghruf (u jezistu ghadd ta' sentenzi tal-Qrati li jghidu hekk – ara fost l-ohrajn '*Il-Pulizija vs Jason Grech*' – 27 ta' Frar, 2012, u '*Il-Pulizija vs Raymond Parnis*' – 24 ta' April, 2009) illi biex imputazzjonijiet taht l-Artikolu 251 iwasslu ghall-htija, wiehed necessarjament irid jipprova dak li hu spiss imsejjah bhala *a course of conduct*. Allegat avveniment wiehed f'data u hin specifici ferm ma jistghu qatt iwasslu taht htija taht wiehed mill-artikolu succitat. Inghad fis-sentenza succitata li '*incident wiehed (u per di piu ta' minuti) ma jammontax ghal course of conduct ghall-finijiet tal-Artikolu 251B (1)*' u b'hekk, htija taht imputazzjoni bhal din derivanti minn allegat incident f'hin wiehed partikolari ma tista' qatt tinstab. Dan japplika wkoll ghall-Artikolu 251A. Din l-Onorabbli Qorti kellha kemm-il darba l-opportunita' li tidhol fid-dettall dwar dan il-punt u allura, l-esponenti ma jhossx illi ghandu ghaliex jissottometti aktar dwar dan. Biss, jinghad illi kkunsidrata l-ispecificita' tad-data u l-hin tal-imputazzjonijiet, l-Ewwel Qorti kellha sempliciment tqis illi l-allegati fatti rakkontati ma setghu qatt iwasslu ghall-htija tal-akkuzi kif dedotti nkwadrati fl-artikoli citati u l-imputat kellu, ghaldaqstant, jigi liberat minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Barra minn hekk, u lil hinn minn dan, ghajr mix-xhieda taghha (li jinghad kienet vaga ferm, evasiva u bl-ebda referenza ghad-dettalji li jehtieg fi proceduri ta' din ix-xorta), jinghad umilment illi l-Prosekuzzjoni ma pprezentat l-ebda prova ohra. Fix-xhieda taghha, Manar Yassine semmiet li l-imputat kien talabha biex forsi jirrangaw l-affarijiet, bla ma qalet kif dan il-kliem (kontestat) seta' qatt iffastidjaha u/jew ikkagunalha biza'. Mkien ma Manar Yassine ma turi xi forma ta' biza' li f'pessima ipotezi (u dejjem bla hsara ghas-sottomissjoni t'hawn fuq) setghet twassal ghall-htija. Anke b'dan biss, il-kaz ma giex ippruvat. Ifisser ghal darb'ohra illi mill-ewwel zewg imputazzjonijiet, l-imputat kellu jigi liberat.

Imbaghad, galadarba liberat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet, l-imputat hawn appellant kellu wkoll jigi liberat mit-tielet imputazzjoni. Dan ghaliex l-imputat ma jistax jinstab hati ta' ksur ta' ordni ta' protezzjoni in izolament galadarba jkun liberat minn kull akkuza ohra. It-tielet imputazzjoni hija ntimament marbuta mal-ewwel tnejn u galadarba l-ewwel tnejn ma jirrizultax (kif spjegat aktar 'il fuq), daqshekk iehor taqa' t-tielet akkuza. Il-ksur tal-ordni tal-protezzjoni bhala mputazzjoni hija minnha nnifisha mputazzjoni (u jekk pruvata, reat) konsegwenzjali. Ikun ferm stunat u legalment inkorrett kieku l-imputat kellu

jinstab hati ta' ksur ta' ordni ta' protezzjoni f'cirkostanza fejn l-imgieba tieghu ma ssib htija taht l-ebda reat specifiku. Il-ksur ta' ordni ta' protezzjoni allura jehtieg necessarjament isegwi xi forma ta' htija xi mkien iehor dwar l-istess agir.

Fic-cirkostanzi migjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti, applikati l-principji legali u fattwali korretti in materja ghal ragunijiet hawn fuq spjegati, ma tista' tinstab qatt u hekk lanqas ma tista' tinstab htija dwar it-tielet imputazzjoni.

D. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea sussidjarja, kemm –il darba din l-Onorabbli Qorti taghzel li tikkonferma l-htija, l-piena nflitta hija f'kull kaz wahda eccessiva ferm.

Dan l-aggravju huwa minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti u huwa ghaldaqstant wiehed sussidjarju.

Jinghad bl-akbar rispett illi fic-cirkostanzi kif spjegati meta kien qieghed jigi diskuss l-ewwel aggravju, l-piena moghtija kienet ghal kwantu eccessiva u sproporzjonata. Kieku kellu jitqies illi l-provi prodotti jiggustifikaw sejbien tal-htija abbazi tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat appellant, jinghad illi xorta wahda c-cirkostanzi ma kienux isejhu ghal tali piena u ghaldaqstant, f'kull kaz, anke jekk joghgobha tikkonferma l-htija, din l-Onorabbli Qorti mitluba kordjalment illi tnaqqas il-piena ghal wahda aktar proporzjonata u xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jikkritika s-sentenza ta'l-Ewwel Qorti fejn din sabitu hati ghar-reati tal-fastidju w tal-biza tal-uzu tal-vjolenza kif ikkontemplati fl-artikolu 251A u 251B tal-Kodici Kriminali billi jishaq illi l-akkuza tirreferi ghal incident wiehed li sehh f'data u hin partikolari u allura jonqos wiehed mill-elementi mehtiega sabiex jissussistu dawn ir-reati u cioe' l' hekk imsejjah *course of conduct*.

Illi l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza u anke kellha ix-xorti tisma' x-xiehda mill-gdid tal-parti leza minn fejn jirrizulta illi nhar is-26 ta' Novembru 2016 Manar Yassine ghamlet rapport gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun illi nhar l-24 ta'

Novembru 2016, wara *Supervised Accessed Visit* (SAVs) ġewwa l-Agenzija Appoġġ li zewgha kellu ma' uliedhom, huwa beda isegwiha bil-karrozza. Fil-fatt tallega illi huwa kellimha sabiex jerġgħu jirranġaw u sabiex taghtih xi flus. Allegatament baqa' jsuq warajha sakemm wasslet Santa Venera. Il-parti leza f'dak iz-zmien kienet qed tirrisjedi ġewwa *shelter* minħabba li spiccat vittma ta' vjolenza domestika li sofriet minn taht idejn zewgha l-appellant, tant illi l-Qorti Civli kienet ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-25 ta' Frar 2016. Jidher izda illi l-parti leza għamlet diversi rapporti tal-istess xorta kontra l-appellant peress illi tibża minnu.

L-appellant meta mitkellem mill-pulizija jiċħad illi huwa segwa lil martu kif rrappurtat u jistqarr illi filwaqt li kien qed jistenna lit-tfal, wieħed minnhom kif rah mar jiġri lejh u martu bdiet tgħajjat miegħu fejn qaltlu illi ma setax ikellem lit-tfal ħlief matul is-*supervised accessed visits*. Allega wkoll illi martu bdiet tgħajjru u toffendieh filwaqt illi kienu quddiem il-binja tal-Appoġġ u hedditu wkoll illi ħutha kienu ser jiġu għalih mill-Ġermanja. Huwa jiċħad li segwiha jew iffastidjaha.

Ikkunsidrat:

Esposti dawn il-fatti probatorji, huwa indubitat illi l-akkuża kif redatta tirreferi biss għal jum wiehed u cioe' dak tal-24 ta' Novembru 2016. Illi l-akkuza tindika ukoll illi r-reati sehhew kemm gewwa Triq San Luqa, Pieta' kif ukoll gewwa l-Agenzija Appogg. F'dan il-jum l-appellant allegatament gab ruhu b'mod li ta fastidju lil martu kif ukoll illi gieghlha tibza' li kienet ser tintuza vjolenza fil-konfront taghha u dan kif imfassal fl-artikoli 251A(1)(2) u 251B tal-Kapitolu 9.

> **"Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali.**
>
> > **"Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:**
> >
> > ***'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs***

*Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable*

*Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon.[1]"*

**Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa..[2].**

**Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn:**

**'...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-**

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*

**...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-**

[1] App. Inf. il-Pulizija vs Carmelo Vella – 14/05/2012

[2] Il-Pulizija vs Massimo Tivisini

**Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-**

**"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."**

**Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.**

In oltre għal dak li jirrigwarda l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Coleiro, din il-Qorti diversament ippreseduta rriteniet is-segwenti:

**Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid ikun hemm a course of conduct kif juri l-kliem "lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet". Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda.**[3]

**'Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza ttest Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk:**

***"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* (sottolinear ta' din il-Qorti).**

**Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:**

[3] Deċiża fis-7 ta' Marzu 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede inferjuri) ppreseduta mill-Imħallef David Scicluna, Ref. 205/11.

*'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'*

**"Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza rreat kontemplat fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9.[4]**

Stabbilit dan l-insenjamenmt gurisprudenzjali huwa evidenti allura illi jrid ikun hemm prova dwar rettroxena fejn f'aktar minn okkazzjoni waħda l-parte ċivile tibża illi hi jew il-familjari jew il-propjeta tagħha setgħu isofru vjolenza minn taht idejn l-appellant u dan minħabba l-komportament tiegħu.

Ikkunsidrat:

Illi l-unici provi li tressaq il-Prosekuzzjoni jikkonsistu fl-affidavit ta' PS163 Robert Azzopardi li rceva r-rapport u nvestiga l-kaz, kopja ta'l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa fil-konfront tal-appellant u li tinsab eżebita in atti, u finalment ix-xiehda ta' Manar Yassine, l-parti leza. Din tixhed u tghid illi kemm hi kif ukoll uliedha jibżgħu minn zewgha l-appellant minhabba incidenti ripetuti ta' vjolenza li huma kienu vittmi taghhom, tant illi spiccaw kellhom jallontaw rwiehom mid-dar matrimonjali u irrikorrew ġewwa Shelter bit-tir, fost oħrajn, illi żewġha ma jkunx jaf fejn qed tirresjedi u filfatt il-preokupazzjoni tal-parti leza, f'dan il-kaz, tinbet mill-fatt illi l-appellant allegatament segwiha bil-vettura wara l-aċċess li kellu ghat-tfal gewwa l-Agenzija Appoġġ biex jiskopri fejn qed tirresjedi ma' uliedhom. Fil-fatt gie esebiet fl-atti Ordni ta' Protezzjoni mahrug fil-konfront tal-appellant fil-25 ta' Frar 2016

[4] Deċiża nhar l-24 ta' April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano, Ref. 337/2008.

mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Dan fil-fehma tal-Qorti huwa indikattiv tal-komportament tal-appellant fil-konfront ta' martu tant illi l-Qorti Civili kellha tiehu l-provvediment mehtieg ghal protezzjoni tal-parti leza u tal-ulied minuri.

Issa ghalkemm huwa minnu illi minn dak li tixhed il-parti leza abbinat mal-Ordni ta' Protezzjoni mahruga mill-qorti kontra l-appellant, hemm prova ta' *course of conduct* li qed jikkaguna biza fil-parti leza minhabba retroxxena ta' vjolenza domestika, kif inghad, madanakollu l-akkuza kif redatta, kif gustament jishaq l-appellant fl-aggravju minnu intentat, jirreferi ghal data specifika u hin specifiku u allura jindika illi r-reati gew allegatament kommessi biss f'dik l-okkazzjoni hemmhekk indikata. Bil-fatt wahdu illi fil-jum u l-hin indikat fl-akkuza l-appellant ipprova jkellem lil parti leza u segwieha bil-vettura ma iwassalx wahdu bhala fatt ghal xi *course of conduct* kif trid il-ligi, tant hu hekk li anke l-artikolu 251BA introdott permezz tal-Att XXIV tal-2014 li johloq ir-reat ta'l-insegwiment jew 'l hekk ismejjah *stalking,* jaghmel referenza ghal "zewg okkazzjonijiet". Illi allura gjaldarba l-Prosekuzzjoni issejjes l-akkuza taghha biss fuq id-data tal-24 ta' Novembru 2016 fil-hin tal-17:30hrs, allura ma tistax tinstab htija ghall-akkuza kif imbaghad formulata billi dan imur kontra l-ispirtu tal-artikoli 251A u 251B tal-Kodici Kriminali kif indikat aktar 'il fuq.

L-istess madanakollu ma jistax jinghad fir-rigward tat-tielet akkuza, kuntrarjament ghal dak li jsostni l-appellant. Dan ghaliex bil-fatt wahdu illi fil-jum u l-hin indikat fl-akkuza l-appellant intenta jaghmel kuntatt mal-appellant u jsegwi l-movimenti taghha u ta' uliedhom minuri kif indikat fl-Ordni ta' Protezzjoni esebieta in atti, hu kiser l-Ordni tal-Qorti u ghalhekk irid jiffaccja s-sanzjoni tal-ligi. Illi l-appellant ma iressaq l-ebda motiv 'il ghala kiser din il-projbizzjoni ghajr illi meta mitkellem mill-pulizija jipprova jixhet it-tort fuq uliedu li stqarr li kienu huma li avvicinawh u mhux vice-versa, verzjoni li din il-Qorti tistqarr li qajla temmen. Kwindi dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ghandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena nflitta b'dan illi ghandha tigi erogata dik l-piena applikabbli fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 412C stante illi dan l-artikolu tal-ligi gie sostitwit permezz ta'l-Att XIII tal-2018.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parte, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha fejn din sabet lill-appellant hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u ghalhekk tghaddi biex tilliberah mill-istess, izda tikkonfermaha fejn din sabitu hati tat-tielet imputazzjoni, tvarja ghalhekk il-piena nflitta u tikkundannah multa ta' elfejn ewro. (€2000).

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur